



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

7 ta' Novembru 2018*

“Appell – Ġhajjnuna mill-Istat – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Ġhajjnuna mill-awtoritajiet Portugiżi fir-rigward tax-xoljiment tal-istabbiliment finanzjarju Banco Espírito Santo – Ħolqien u kapitalizzazzjoni ta' bank tranżitorju – Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiddikjara l-ġhajjnuna kompatibbli mas-suq intern – Interess ġuridiku – Rikors quddiem il-qorti nazzjonali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' Banco Espírito Santo”

Fil-Kawża C-544/17 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2017,

BPC Lux 2 Sàrl, stabbilita f'Senningerberg (il-Lussemburgu), u l-appellanti l-oħra li isimhom jinsab fl-anness mal-appell, irrappreżentati minn J. Webber u M. Steenson, solicitors, kif ukoll minn B. Woolgar, barrister, u K. Bacon, QC,

appellanti,

il-partijiet l-oħra fil-kawża huma:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Flynn u P.-J. Loewenthal, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

Ir-Repubblika Portugiża,

intervenjenti fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, Viċi President li qiegħda taġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, J.-C. Bonichot, E. Regan (Relatur), C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu l-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2017, BPC Lux 2 et vs Il-Kummissjoni (T-812/14, mhux ippubblikat, EU:T:2017:560, iktar 'il quddiem id-“digriet appellat”), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tagħhom għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5682 final tat-3 ta' Awwissu 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.39250 (2014/N) – Il-Portugall – Xoljiment ta' Banco Espírito Santo (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kontenzjuża”).

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

- 2 L-appellanti huma kredituri fi grad sekondarju ta' Banco Espírito Santo SA (iktar 'il quddiem “BES”), detenturi ta' krediti tal-kategorija 2 inferjuri.
- 3 F'Mejju 2014, minn verifika mwettqa minn Banco de Portugal (il-Bank tal-Portugall) fi ħdan il-grupp Espírito Santo International SA ġie konkluż li dan tal-aħħar kien jinsab f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, li seta' jkollha impatt negattiv fuq is-solvenza ta' BES li tiegħu kien jikkostitwixxi l-azzjonist maġġoritarju.
- 4 Fit-30 ta' Lulju 2014, BES ippubblika r-riżultati tiegħu għall-ewwel semestru tas-sena 2014, li indikaw telf finanzjarju kbir. Dan wassal, f'Lulju 2014, għal tnaqqis kunsiderevoli fid-depożiti tiegħu.
- 5 F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet Portugiżi ddeċidew li jissuġġettaw lil BES għal proċedura ta' xoljiment, li kienet timplika l-ħolqien ta' stabbiliment ta' kreditu temporanju, il-“bank tranżitorju”, li lilu ġew ittrasferiti l-attivitajiet kummerċjali ta' BES li kienu jinsabu f'sitwazzjoni tajba. Fi tmien dawn it-trasferimenti ta' assi u ta' dejn lill-bank tranżitorju, l-assi u d-dejn residwali l-oħra kellhom jibqgħu jinżammu minn BES, li kellu jsir l-“istruttura problematika”.
- 6 Fit-3 ta' Awwissu 2014, l-awtoritajiet Portugiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea proġett ta' għajnuna mill-Istat ta' EUR 4 899 miljun mogħtija permezz tal-Fundo de Resolução (il-Fond għal Xoljimenti, il-Portugall), li kienet intiża sabiex jingħata kapital inizjali lill-bank tranżitorju. Flimkien ma' din in-notifika, l-awtoritajiet Portugiżi bagħtu lill-Kummissjoni żewġ rapporti tal-Bank tal-Portugall, jiġifieri, minn naħa, evalwazzjoni tad-diversi possibbiltajiet għax-xoljiment ta' BES, li tikkonkludi li l-ħolqien ta' bank tranżitorju kien l-unika soluzzjoni li kienet tippermetti ż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika Portugiża, u, min-naħa l-oħra, deskrizzjoni tal-proċedura li kellha tiġi segwita għax-xoljiment ta' BES. Wara dan ir-rapport tal-aħħar, l-awtoritajiet Portugiżi ppreżentaw lill-Kummissjoni impenji marbuta kemm mal-bank tranżitorju u kemm mal-istruttura problematika, li kienu jikkonċernaw il-likwidazzjoni tagħhom b'mod ordnat. L-impenji komuni għal dawn iż-żewġ stabbilimenti kienu jikkonċernaw il-ġestjoni tal-assi eżistenti, il-limitu massimu tas-salarji u l-projbizzjoni fir-rigward tal-akkwist ta' ishma, tal-ħlas ta' kupuni jew ta' dividendi u tal-pubbliċità permezz tal-għajnuna mill-Istat.
- 7 Fl-istess jum, wara l-fażi ta' eżami preliminari, skont l-Artikolu 108(3) TFUE, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża, li permezz tagħha kkonkludiet li l-miżura nnotifikata, jiġifieri l-introduzzjoni ta' kapital ta' EUR 4 899 miljun mill-awtoritajiet Portugiżi fil-bank tranżitorju, marbuta ma' impenji meħuda minn dawn l-awtoritajiet, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(b) TFUE (iktar 'il quddiem l-“għajnuna mill-Istat inkwistjoni”).

- 8 Fost l-impenji ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi, kien previst, b'mod partikolari, li ebda assi tal-azzjonisti u tad-detenturi ta' titoli ta' kreditu sekondarji u li ebda strument ibridu ma setgħu jiġu ttrasferiti lill-bank tranżitorju. Kien speċifikat ukoll li l-likwidazzjoni ta' BES kellha titwettaq sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet appellat

- 9 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2014, l-appellanti ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 10 Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Qorti Ġenerali staqsiet lill-appellanti dwar l-eżistenza ta' interess ġuridiku, min-naħa tagħhom, fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 11 L-appellanti wiegħbu għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Jannar 2017.
- 12 Permezz tad-digriet appellat, il-Qorti Ġenerali ħadet ir-rikors bħala inammissibbli wara li kkonstatat, *ex officio*, l-assenza ta' interess ġuridiku tal-appellanti fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża. Il-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx meħtieġ li tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u bbażata fuq il-fatt li l-appellanti ma kellhomx *locus standi* sabiex jippreżentaw rikors kontra din l-istess deċiżjoni.

It-talbiet tal-partijiet

- 13 Permezz tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tannulla d-digriet appellat;
 - tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali għal evalwazzjoni ġdida fuq il-mertu, u
 - tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.
- 14 Il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:
- tiċċad l-appell, u
 - tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

- 15 L-appellanti jqajmu aggravju wieħed ibbażat fuq l-argument li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma kellhomx interess fl-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 16 Kif jirriżulta mill-punti 27 u 33 tad-digriet appellat, l-appellanti argumentaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser isaħħaħ b'mod sinjifikattiv ħafna l-probabbiltà ta' suċċess tar-rikors għal annullament li huma kienu ppreżentaw quddiem il-qorti nazzjonali kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES u li tali suċċess kien ser iwassal jew għall-annulament tax-xoljiment ta' BES jew għal dritt li jitolbu kumpens. B'mod partikolari, l-appellanti pproduċew attestazzjoni minn avukat Portugiż fejn dan espona fid-dettall ir-raġunijiet

għaliex l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser ikollu impatt fuq l-imsemmija proċedura nazzjonali, minkejja li s-suġġett tagħha kien differenti mis-suġġett tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, skont l-appellanti, din il-prova ma ġietx ikkontestata fl-ewwel istanza.

- 17 Barra minn hekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punti 68, 69 u 79 tas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni* (C-33/14 P, EU:C:2015:609), il-fatt li l-annullament mill-qorti tal-Unjoni ta' deċiżjoni jkun ta' natura li jikseb benefiċċju fil-kuntest ta' rikors ippreżentat quddiem il-qorti nazzjonali, inkluż rikors għad-danni, huwa bħala prinċipju suffiċjenti sabiex iservi ta' bażi għal tali interess ġuridiku quddiem il-qorti tal-Unjoni. Id-digriet appellat ma jikkontradixxi dan il-prinċipju.
- 18 Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punti 34 u 35 tad-digriet appellat, li, peress li l-proċedura mressqa quddiemha u l-proċedura mressqa quddiem il-qorti Portugiżi ma kellhomx l-istess suġġett, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kienx ser ikollu impatt fuq l-interpretazzjoni mill-qorti Portugiżi tar-regoli kostituzzjonali Portugiżi. Issa, skont l-appellanti, huma biss il-qorti Portugiżi, fuq il-bażi tad-dritt Portugiż, li jistgħu jisiltu tali konklużjoni, u ma huwiex il-kompitu tal-qorti tal-Unjoni li tagħmel dan fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni. B'hekk, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, ħadet post il-qorti nazzjonali għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tar-rikors nazzjonali.
- 19 Sussidjarjament, l-appellanti jsostnu li, anki jekk il-Qorti Ġenerali setgħet tevalwa l-fondatezza tal-argumenti legali bbażati fuq id-dritt Portugiż esposti fl-attestazzjoni mill-avukat Portugiż tagħhom, l-evalwazzjoni tagħha kienet manifestament żnaturat il-provi li kienu tressqu quddiemha.
- 20 Fir-risposta, il-Kummissjoni ssostni, l-ewwel nett, li, sa fejn l-appellanti jikkontestaw l-interpretazzjoni tad-dritt Portugiż magħmula mill-Qorti Ġenerali, tali interpretazzjoni tikkostitwixxi punt ta' fatt li, bħala prinċipju, ma jaqax taħt l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija kompetenti biss sabiex tivverifika jekk kienx hemm żnaturament tad-dritt nazzjonali mill-Qorti Ġenerali. Dan l-iżnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-atti fil-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, mingħajr ma jkun meħtieġ li titwettag evalwazzjoni għal tal-fatti u tal-provi.
- 21 Issa, f'dan il-każ, l-appellanti ma jindikawx liema fatti jew provi setgħu ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali, u lanqas ma jistabbilixxu l-eżistenza ta' żbalji mwettqa mill-Qorti Ġenerali li setgħu wassluha sabiex tiżnatura l-fatti jew il-provi. Għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma kkonkludietx, fuq inizzjattiva tagħha stess, li l-argumenti esposti mill-avukat Portugiż tagħhom fl-attestazzjoni tiegħu ma kinux fondati. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali qieset li, peress li s-suġġett tal-proċedura mressqa quddiemha kien differenti minn dak tal-proċedura mressqa quddiem il-qorti Portugiżi, punt dan li ma kienx ikkontestat mill-appellanti, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma seta' jkollha ebda impatt fuq l-interpretazzjoni tad-dritt Portugiż magħmula mill-qorti nazzjonali. Għaldaqstant, l-appell tal-appellanti huwa manifestament inammissibbli, peress li jikkonċerna punt ta' fatt.
- 22 It-tieni nett, il-Kummissjoni tfakkar li huwa r-rikorrent li għandu jressaq prova tal-interess ġuridiku tiegħu. Ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tfittex u li tidentifika, fl-annessi, il-motivi li tista' tqis bħala l-motivi li jikkostitwixxu l-bażi tar-rikors, peress li dawn l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali.
- 23 F'dan il-każ, għalkemm l-appellanti jsostnu li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser jissostanzja l-argument tagħhom li x-xoljiment ta' BES kien sproporzjonat taħt id-dritt Portugiż, fit-tweġiba tagħhom dwar l-interess ġuridiku tagħhom ma ngħatat ebda spjegazzjoni insostenn ta' din l-affermazzjoni. B'mod partikolari, l-ispiegazzjonijiet mogħtija mill-appellanti f'dan ir-rigward quddiem il-Qorti Ġenerali ma jinsabux fit-test stess ta' din it-tweġiba iżda biss f'attestazzjoni redatta minn avukat Portugiż, li tinsab annessa magħha.

- 24 Barra minn hekk, fit-tweġiba tagħhom dwar l-interess ġuridiku tagħhom, l-appellanti sostnew li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser jippermettilhom ukoll isostnu li l-miżura ta' xoljiment ta' BES, fl-assenza ta' kapitalizzazzjoni tal-bank tranżitorju bl-ġoti tal-ġajnuna mill-Istat inkwistjoni, ma kinitx ta' natura li tevita l-insolvenza ta' BES. Issa, f'din it-tweġiba ma nġhatat ebda spjegazzjoni dwar il-mod kif l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża seta' jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES jew seta' jservi ta' bażi għal rikors għad-danni ulterjuri kontra l-Istat Portugiż jew il-Bank tal-Portugall.
- 25 Fl-aħħar nett u fi kwalunkwe każ, sabiex ikun hemm interess ġuridiku fil-konfront ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, is-suċċess tar-rikors għad-danni ppreżentat fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja nazzjonali għandu jkun jiddependi mis-suċċess tar-rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni, kif kien il-każ fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni* (C-33/14 P, EU:C:2015:609). Issa, l-appellanti ma stabbilixxewx konnessjoni komparabbli bejn il-proċedura ta' annullament li huma ressqu quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni kontenzjuża u r-rikors għad-danni ipotetiku li, skont kif isostnu, huma intitolati li jressqu kontra l-Istat Portugiż u l-Bank tal-Portugall, fil-każ li jintlaqa' r-rikors tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja nazzjonali kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment.
- 26 B'mod partikolari, kif il-Qorti Ġenerali spjegat fil-punti 28 sa 31 tad-digriet appellat, hija d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES, u mhux id-deċiżjoni kontenzjuża, li kellha impatt konkret fuq il-valur tal-krediti tal-appellanti, b'tali mod li eventwali annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma huwiex ser ikollu l-effett li jobbliga lill-Istat Portugiż jirrevedi din id-deċiżjoni ta' xoljiment. Għaldaqstant, l-appellanti ma għandhomx neċessarjament bażi għall-preżentata ta' rikors għad-danni kontra l-Istat Portugiż jew il-Bank tal-Portugall quddiem il-qrati nazzjonali.
- 27 Barra minn hekk, anki jekk l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża seta' jkollu bħala konsegwenza l-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES u anki jekk l-annullament ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar seta' jservi ta' bażi għal rikors għad-danni kontra l-Istat Portugiż u l-Bank tal-Portugall, tali rikors futur ma jistax jikkostitwixxi l-bażi li fuqha l-appellanti jistgħu jinvokaw interess fl-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punti 56, 69 u 79 tas-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni* (C-33/14 P, EU:C:2015:609), tali rikors għad-danni huwa purament ipotetiku, peress li jiddependi mis-suċċess tal-proċedura nazzjonali.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 28 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li rikors għal annullament ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn din tal-aħħar ikollha interess fl-annullament tal-att ikkontestat. Tali interess jeħtieġ li l-annullament ta' dan l-att ikun jista', fih innifsu, ikollu konsegwenzi legali u li r-rikors b'hekk ikun jista', permezz tal-eżitu tiegħu, jikseb benefiċċju għall-parti li tkun ippreżentatu (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, *Andechser Molkerei Scheitz vs Il-Kummissjoni*, C-682/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:356, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 Barra minn hekk, l-interess f'rikors għal annullament għandu jkun reali u attwali u għandu jiġi evalwat fil-jum li fih jiġi ppreżentat ir-rikors (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2009, *Il-Kummissjoni vs Koninklijke FrieslandCampina*, C-519/07 P, EU:C:2009:556, punt 65, u tal-4 ta' Ġunju 2015, *Andechser Molkerei Scheitz vs Il-Kummissjoni*, C-682/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:356, punt 26).
- 30 F'dan il-każ, għandu l-ewwel nett jiġi miċħud l-argument imressaq mill-Kummissjoni li l-appell huwa inammissibbli sa fejn jikkontesta l-evalwazzjoni fattwali magħmula mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-eventwali impatt tar-rikors ippreżentat quddiemha fuq ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-appellanti quddiem il-qrati nazzjonali.

- 31 Huwa minnu li l-Qorti Ġenerali għandha kompetenza esklużiva sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti u, bħala prinċipju, sabiex teżamina l-provi aċċettati minnha insostenn ta' dawn il-fatti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżerċita l-istħarriġ tagħha meta l-Qorti Ġenerali twettaq il-klassifikazzjoni legali tagħhom u tislet, minn dan, konsegwenzi legali. Għaldaqstant, il-kwistjoni ta' jekk, fid-dawl ta' tali fatti u provi, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-qorti tal-Unjoni huwiex ta' natura li jikseb, għall-appellanti, benefiċċju fil-kuntest ta' rikors ippreżentat quddiem il-qorti nazzjonali, li jista' jstabbilixxi l-interess ġuridiku tagħhom quddiem il-qorti tal-Unjoni, hija punt ta' liġi li taqa' taħt l-istħarriġ imwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni*, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 68).
- 32 It-tieni nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tal-Kummissjoni li l-appellanti ma kinux iġġustifikaw suffiċjentement l-interess ġuridiku tagħhom peress li l-ispegazzjonijiet imressqa minnhom f'dan ir-rigward quddiem il-Qorti Ġenerali ma kinux jinsabu fit-test stess tat-tweġiba tagħhom dwar l-interess ġuridiku tagħhom iżda kienu jinsabu biss f'anness ma' din it-tweġiba.
- 33 Huwa minnu li, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, ir-rikorrent għandu jressaq il-prova tal-interess ġuridiku tiegħu, li jikkostitwixxi l-kundizzjoni essenzjali u primordjali għal kull rikors ġudizzjarju (sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, *Andechser Molkerei Scheitz vs Il-Kummissjoni*, C-682/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:356, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 34 B'mod partikolari, sabiex rikors għall-annullament ta' att, ippreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika, ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li r-rikorrent jiġġustifika b'mod rilevanti l-interess li jirrappreżenta għalih l-annullament ta' dan l-att (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2015, *Andechser Molkerei Scheitz vs Il-Kummissjoni*, C-682/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:356, punt 28, u tal-20 ta' Diċembru 2017, *Binca Seafoods vs Il-Kummissjoni*, C-268/16 P, EU:C:2017:1001, punt 45).
- 35 Issa, kif jirriżulta mill-punti 27 u 33 tad-digriet appellat, l-appellanti, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward, sostnew li l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser isahha b'mod sinjifikattiv ħafna l-probabbiltà ta' suċċess fil-proċedura ta' sħarriġ ġudizzjarju li huma kienu ressqu quddiem il-qorti Portugiżi kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES. B'mod partikolari, huma speċifikaw li tali suċċess kien ser ikollu bħala konsegwenza jew l-annullament ta' din id-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES, jew dritt għalihom li jitolbu kumpens għat-telf imġarrab minħabba x-xoljiment illegali ta' BES.
- 36 Barra minn hekk, minn din l-istess tweġiba tagħhom dwar l-interess ġuridiku tagħhom jirriżulta li l-appellanti żviluppaw, fuq diversi paġni, l-argumenti tagħhom f'dan ir-rigward. B'mod partikolari, huma bbażaw ruħhom fuq sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali dwar dan is-suġġett u spjegaw, fil-qosor iżda b'mod suffiċjenti, ir-raġunijiet għaliex, skont l-attestazzjoni ta' avukat Portugiż annessa ma' din it-tweġiba, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża kien ser isahha b'mod sinjifikattiv il-possibbiltajiet tagħhom ta' suċċess fil-kuntest tar-rikors nazzjonali għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES. B'mod partikolari, skont l-appellanti, l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża mill-Qorti Ġenerali kien ser jippermetti, minn naħa, li jiġu ssostanzjati l-argumenti li huma kienu diġà ressqu fil-kuntest tar-rikors nazzjonali fis-sens li x-xoljiment ta' BES kien sproporzjonat fid-dritt Portugiż u, min-naħa l-oħra, li jitressaq, dejjem fil-kuntest tal-imsemmi rikors, l-argument li, fl-assenza tal-ġajjnuna mill-Istat inkwistjoni, ix-xoljiment ta' BES ma kienx ser jirnexxieli jilħaq l-għan li tiġi evitata l-insolvenza tiegħu.
- 37 Għalkemm huwa minnu, minn naħa, li d-dettalji tal-argumenti tal-appellanti dwar l-interess ġuridiku tagħhom ma jinsabux fit-test stess tat-tweġiba li huma baġtu lill-Qorti Ġenerali iżda fl-anness tagħha u, min-naħa l-oħra, li l-appellanti żiedu, fl-appell tagħhom, elementi li ma kinux jinsabu fl-imsemmija tweġiba, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-linji ġenerali tal-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward jinsabu f'din it-tweġiba stess.

- 38 Barra minn hekk, fid-dawl kemm tat-tul u kemm tan-natura probatorja tal-attestazzjoni tal-avukat Portugiż annessa mat-tweġiba tal-appellanti dwar l-interess ġuridiku tagħhom u ta' provi oħra relatati ma' dan, l-appellanti ma jistgħux jiġu kkritikati talli annettewhom mal-imsemmija tweġiba, li hija intiża wkoll li tespandi f'fiktur dettall l-argumenti tagħhom dwar il-*locus standi* tagħhom, u dan anki bi tweġiba għal stedina min-naħa tal-Qorti Ġenerali f'dan is-sens.
- 39 Mill-bqija, sa fejn, bl-argumenti tagħha, il-Kummissjoni qiegħda tipprova tistabbilixxi proprju li l-elementi mressqa mill-appellanti fl-ewwel istanza sabiex jistabbilixxu l-interess ġuridiku tagħhom fil-konfront tad-deċiżjoni kontenżjuża ma humiex suffiċjenti, dawn l-argumenti jikkonċernaw il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat, jiġifieri li l-appellanti ma kellhomx interess ġuridiku f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, l-imsemmija argumenti għandhom jiġu ttrattati fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tal-uniku aggravju mqajjem fil-kuntest ta' dan l-appell.
- 40 B'hekk, għandu jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali wettqitx żball ta' liġi fil-punti 34 sa 36 tad-digriet appellat meta ddeċidiet li, peress li l-proċedura quddiemha u l-proċedura quddiem il-qorti nazzjonali ma kellhomx l-istess suġġett, eventwali annullament tad-deċiżjoni kontenżjuża ma kien ser ikollu ebda impatt fuq l-imsemmija proċedura nazzjonali u għalhekk ma kien ser jikseb ebda benefiċċju għall-appellanti.
- 41 Minn dawn il-punti tad-digriet appellat jirriżulta li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-proċedura nazzjonali kienet tikkonċerna biss il-kwistjoni tal-konformità mad-dritt nazzjonali tal-użu ta' proċedura ta' xoljiment, filwaqt li r-rikors quddiemha kien jikkonċerna biss il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-finanzjament ta' din il-proċedura ta' xoljiment. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li eventwali evalwazzjoni, minnha stess, tal-osservanza mill-Kummissjoni tad-dritt tal-Unjoni ma kienx ser ikollha impatt fuq l-interpretazzjoni mill-qorti Portugiżi tad-dritt nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità kif protett mid-dritt kostituzzjonali Portugiż.
- 42 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, bħala prinċipju, parti żżomm l-interess tagħha li ttippreżenta rikors għal annullament meta dan tal-aħħar jista' jikkostitwixxi l-bażi ta' eventwali rikors għad-danni (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, *Cañas vs Il-Kummissjoni*, C-269/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:415, punt 17).
- 43 L-eventwalità ta' rikors għad-danni hija biżżejjed sabiex isservi ta' bażi għal tali interess ġuridiku, sakemm dan ma jkunx ipotetiku (ara s-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni*, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 79).
- 44 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-interess ġuridiku jista' jirriżulta minn kull azzjoni quddiem il-qorti nazzjonali li fil-kuntest tagħha l-eventwali annullament tal-att ikkontestat quddiem il-qorti tal-Unjoni jista' jikseb benefiċċju għar-rikorrent (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni*, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 81).
- 45 Fl-aħħar nett, il-persistenza ta' interess ġuridiku għandha tiġi evalwata *in concreto* billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-konsegwenzi tal-allegata illegalità u n-natura tad-dannu allegatament imġarrab (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni*, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 46 F'dan il-każ, fl-appell tagħhom, l-appellanti jsostnu li d-dannu mġarrab minnhom jikkonsisti fil-fatt li, minħabba li l-bonds tagħhom baqgħu fl-istruttura problematika, il-proċedura ta' xoljiment kellha l-konsegwenza li minn detenturi ta' bonds ta' BES tagħmilhom detenturi ta' bonds ta' bank li ma kellux assi ta' valur, li ma setax ikollu assi ġodda u li l-approvazzjoni bankarja tiegħu kellha tiġi rtirata wara perijodu qasir ta' likwidazzjoni. Huma għalhekk ġarrbu telf sostanzjali u s-sitwazzjoni legali tagħhom kienet is-suġġett ta' bidla. Barra minn hekk, kif jirriżulta mit-tweġiba tagħhom għall-Qorti Ġenerali dwar l-interess ġuridiku tagħhom u mill-annessi għal din it-tweġiba, l-appellanti jsostnu li,

fid-dawl tal-ammont tat-telf finanzjarju tagħhom, is-sitwazzjoni tagħhom ma tistax titqabbel mas-sitwazzjoni li tipprevali meta japplikaw ir-regoli normali ta' insolvenza tad-dritt Portugiż, peress li dawn tal-aħħar jipprevedu r-rimbors tal-kredituri kollha ta' impriża, inklużi d-detenturi ta' krediti fi grad sekondarju, fuq il-bażi tal-assi tal-impriża u konformement mal-ordni ta' rimbors. Fl-imsemmija tweġiba, l-appellanti kkonkludew, minn dan, li huma kienu tilfu d-dritt ta' pretensjoni tagħhom fil-konfront tal-assi kollha ta' BES, inklużi l-assi ta' valur, skont ir-regoli normali Portugiżi f'dan il-qasam.

- 47 Fir-rigward tal-konsegwenzi tal-allegata illegalità, kif jirriżulta mill-punt 35 ta' din is-sentenza, quddiem il-Qorti Ġenerali l-appellanti sostnew, kif qegħdin isostnu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li suċċess fil-kuntest tar-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-qrati Portugiżi kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES ser ikollu bħala konsegwenza jew l-annullament ta' din id-deċiżjoni jew dritt għalihom li jitolbu danni għat-telf li ġarrbu minħabba x-xoljiment illegali ta' BES.
- 48 Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza, essenzjalment, li r-rikors futur nazzjonali għad-danni li fuqu jibbażaw ruħhom l-appellanti sabiex jistabbilixxu l-interess ġuridiku tagħhom fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża huwa ipotetiku sa fejn ma huwiex ċert li dan ir-rikors nazzjonali ser jiġi effettivament ippreżentat u sa fejn l-appellanti ma stabbilixxewx rabta suffiċjenti bejn l-imsemmi rikors nazzjonali u r-rikors fl-ewwel istanza quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 49 Madankollu, minkejja li l-possibbiltà għall-appellanti li jippreżentaw fil-futur rikors għad-danni ma tistax tagħtihom interess reali u attwali li jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża, għandu jidfakkar li tali interess jista' xorta waħda joħroġ, kif jirriżulta mill-punt 44 ta' din is-sentenza, minn kull azzjoni quddiem il-qrati nazzjonali li fil-kuntest tagħha l-eventwali annullament tal-att ikkontestat jista' jikseb benefiċċju għar-rikorrent.
- 50 Issa, huwa paċifiku li l-appellanti diġà ppreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES quddiem il-qrati Portugiżi. Barra minn hekk, mill-elementi li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan ir-rikors, min-naħa tiegħu, jista' jikseb benefiċċju għall-appellanti.
- 51 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, kif isostnu l-appellanti, l-annullament mill-Qorti Ġenerali tad-deċiżjoni kontenzjuża jistax ikollu impatt fuq ir-rikors għal annullament li huma ppreżentaw quddiem il-qrati nazzjonali kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES.
- 52 Huwa minnu, u dan barra minn hekk lanqas ma huwa kkontestat fil-kuntest ta' dan l-appell, li, kif osservat il-Qorti Ġenerali fil-punt 34 tad-digriet appellat, ir-rikors ippreżentat quddiemha ma kellux l-istess suġġett bħal dak ippreżentat quddiem il-qrati Portugiżi, peress li l-ewwel wieħed kien intiż li tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tal-għajnuna mill-Istat inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li t-tieni wieħed huwa intiż li tiġi kkonstatata l-inkompatibbiltà tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES mad-dritt Portugiż.
- 53 Madankollu, kemm mid-digriet appellat u kemm mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-deċiżjoni kontenzjuża u d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES huma marbuta b'mod li ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. B'mod partikolari, mill-punti 4 sa 7 ta' dan id-digriet jirriżulta li l-proċedura ta' xoljiment "kienet timplika" il-ħolqien ta' stabbiliment ta' kreditu temporanju, li lilu ġew ittrasferiti l-attivitajiet kummerċjali ta' BES li kienu jinsabu f'sitwazzjoni tajba. Minn dawn il-punti jirriżulta wkoll li, skont evalwazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Portugiżi dwar il-possibbiltajiet għax-xoljiment, il-ħolqien ta' bank tranżitorju kien ikkunsidrat bħala l-"unika soluzzjoni" li kienet tippermetti l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika Portugiża, u li l-Kummissjoni ddeċidiet li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni kienet kompatibbli mas-suq intern fid-dawl tal-impenji ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi, li kienu jikkonċernaw kemm il-bank

tranżitorju u kemm l-istruttura problematika u kienu jikkonċernaw il-likwidazzjoni tagħhom b'mod ordnat. Fost l-impenji kienet prevista, b'mod partikolari, il-projbizzjoni li jiġu ttrasferiti lill-bank tranżitorju l-assi tal-azzjonisti u tad-detenturi ta' titoli ta' kreditu sekondarji.

- 54 Huwa minnu li, kif fakkret il-Qorti Ġenerali fil-punt 28 tad-digriet appellat, huwa paċifiku li t-tnaqqis fil-valur tal-bonds miżmuma mill-appellanti huwa r-riżultat tad-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES. Bl-istess mod, kif iddikjarat il-Qorti Ġenerali fil-punt 31 tad-digriet appellat, li ma huwiex ikkontestat mill-appellanti, eventwali annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma huwiex ser ikollu l-effett li jobbliga lir-Repubblika Portugiża tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li toħloq bank tranżitorju u li ma tinkludix fil-patrimonju tiegħu l-bonds tat-tip ta' daww miżmuma mill-appellanti.
- 55 Madankollu, fid-dawl tar-rabtiet li ma jistgħux jiġu sseparati li jeżistu bejn id-deċiżjoni kontenzjuża u d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES, kif esposti fil-punt 53 ta' din is-sentenza, li juru, b'mod partikolari, li l-għajnuna mill-Istat inkwistjoni ngħatat fil-kuntest tax-xoljiment ta' BES, għandu jiġi kkonstatat li, kif isostnu l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi, mingħajr ma tiegħu post il-qradi Portugiżi għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-fondatezza tar-rikors għal annullament ippreżentat mill-appellanti kontra d-deċiżjoni ta' xoljiment ta' BES, li, minħabba li s-suġġett ta' dan ir-rikors tal-aħħar ma kienx l-istess bħal dak tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, eventwali annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża bl-ebda mod ma seta' jkollu impatt fuq l-evalwazzjoni mill-qradi Portugiżi tar-rikors ippreżentat quddiemhom, b'mod partikolari bil-mod spjegat mill-appellanti kemm fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali u kemm fl-appell tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- 56 Fil-fatt, ma huwiex il-kompitu tal-qorti tal-Unjoni, għall-finijiet tal-eżami tal-interess ġuridiku quddiemha, li tevalwa l-probabbiltà tal-fondatezza ta' rikors ippreżentat quddiem il-qradi nazzjonali skont id-dritt nazzjonali u, għaldaqstant, li tiegħu post dawn il-qradi tal-aħħar għall-finijiet ta' tali evalwazzjoni. Għall-kuntrarju, huwa meħtieġ, iżda huwa suffiċjenti, li, bl-eżitu tiegħu, ir-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-qorti tal-Unjoni jkun jista' jikseb benefiċċju għall-parti li tkun ippreżentatu (sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, *Mory et vs Il-Kummissjoni*, C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 76). Issa, kif jirriżulta mill-punti 42 sa 55 ta' din is-sentenza, dan huwa l-każ hawnhekk.
- 57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punti 34 sa 36 tad-digriet appellat, li, peress li l-proċedura quddiemha u l-proċedura nazzjonali ma kellhomx l-istess suġġett, l-eventwali annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ma kienx ser ikollu impatt fuq din il-proċedura tal-aħħar u għalhekk ma kien ser jikseb l-ebda benefiċċju għall-appellanti, fis-sens tal-ġurisprudenza rilevanti.
- 58 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali żbaljat ukoll meta kkonkludiet, fil-punt 37 tad-digriet appellat, li r-rikors tal-appellanti kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli minħabba l-assenza ta' interess ġuridiku fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża.
- 59 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-appell għandu jintlaqa' u, għaldaqstant, id-digriet appellat għandu jiġi annullat.

Fuq li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali

- 60 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, din tal-aħħar, fil-każ li tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, tista' jew tagħti deċiżjoni definittiva hija stess dwar il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali.

- 61 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex l-elementi neċessarji sabiex tagħti deċiżjoni definittiva dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-proċedura tal-ewwel istanza, ibbażata fuq l-assenza ta' *locus standi* tal-appellanti fil-konfront tad-deċiżjoni kontenzjuża. Dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-mertu tar-rikors, aspett tat-tilwima dan li jimplika wkoll l-eżami ta' elementi li la ġew evalwati mill-Qorti Ġenerali fid-digriet appellat u li lanqas ma ġew indirizzati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.
- 62 Għaldaqstant, il-kawża għandha tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u bbażata fuq l-argument li l-appellanti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

Fuq l-ispejjeż

- 63 Peress li l-kawża qiegħda tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali, l-ispejjeż marbuta ma' din il-proċedura ta' appell għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Lulju 2017, BPC Lux 2 et vs Il-Kummissjoni (T-812/14, mhux ippubblikat, EU:T:2017:560), huwa annullat.**
- 2) Il-kawża hija mibgħuta lura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem